**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru:436/97

Lawrence Degabriele
vs
Dipartiment ta' l-Agrikoltura u b' digriet tas-27 ta' Jannar, 1999 Direttur ta' l-Agrikoltura

Illum 7 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju,1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti zewg increments tal-promozzjoni li kienet moghtija lilu fin-1987.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor kif gej:-

Hu kien gie impjegat mal-Gvern fl-1966 fil-grad ta' Labourer u kien gie stazzjonat l-MMU. Wara madwar sentejn kien gie promoss ghall-grad ta' MTD. Dak iz-zmien kien gie trasferit l-Ghammieri. Fl-1987 kien gie moghti promozzjoni u skond l-appointment suppost li kellu jizdied zewg increment. Meta nbidel il-Gvern qatt ma gie moghti dawn l-increments ghalkemm kellem is-Sur Agius Ferrante li kien il-Principal. Certu Nazzareno Grech li kien ha l-promozzjoni mieghu taghah dokument iffirmat min A.Darmanin Direttur ta' l-Agrikoltura fejn huwa u ohrajn kienu hadu l-increments f'Marzu 1991 b'effett mis-17 ta' Settembru 1990. Llum ir-rikorrent pensjonant u ghadu jistenna biex jiehu dawn il-flus dovuti lilu bi dritt u tigi riveduta l-pensjoni tieghu skond kif suppost.

Illi huwa kien bi hsebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Trbunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni b'effett mis-17 ta' Settembru 1990, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi preminarjament ir-rikors huwa irritwali u inammissibbli ghaliex skond il-ligijiet bazilari tal-procedura dipartiment tal Gvern ma ghandux personalita' guridika distinta. A tenur tal-art.181(B) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji l-Gvern ghandu jkun rapprezentant mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni mentri r-rikors isemmi biss bhala intimat dipartiment . Illi din ir-risposta qed issir mil-intimat ghaliex gie notifikat fl-indirizz tad-dipartiment tieghu.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors, u dan ai termini tal-art.181 (B) (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dan ir-rikors peress illi r-rikorrent spicca mis-Servizz Pubbliku mid-Dipartiment tal-Ilma, u ghalhekk l-intimat ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista' jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema lix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent fis-27 ta' Jannar, 1999 talab u ottjena l-korrezzjoni fl-okkju tar-rikors biex jidhol il-kliem Direttur tal-Agrikoltura.. Ra li fit-22 ta' Marzu, 1999 l-Avukat Generali gie notifikat bir-rikors. Illi ghalhekk ma ghadhomx aktar applikabbli l-ewwel zewg eccezzjonijiet u infatti l-intimat irrinunzja ghalihom.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti li hemm fir-rikors. Zied jghid "Fis-6 ta' Frar 1987 kienet harget sejha fi hdan id-dipartiment ghal-promozzjoni ta' zewg increments ghal sewwieqa ta' heavy plant driver. Jiena dak iz-zmien kelli l-grad ta' MTD Driver u diga kelli tliet increments u ghalhekk li kieku jiena inghatajt l-promozzjoni ghal heavy plant driver kont nizdied b'zewg incriments ohra fi hdan id-dipartiment.

Ic-cirkulari ghal promozzjoni kienet cirkulari numru 16/87 ghal Motor Transport Driver ghal heavy plant. Jiena sussegwentement kont f'Marzu 1987 ircevejt ittra mid-dipartiment sabiex fit-12 ta' Marzu mmur il-garage gewwa l-Ghammieri sabiex naghmel **interview/trade test** dwar il-"Heavy

Plant Vehicles. Jiena fil-fatt kont ghamilt dan l-ezami u nghid li kont ghamiltu b'success tant li kont mort tajjeb f'dan l-ezami. Wara dan jiena f'27 ta' April 1987 kont ircevejt ir-rizultat mid-dipartiment meta kienu qaluli li b'referenza ghal-applikazzjoni tieghi fuq imsemmija kont ikkwalifikajt biex niehu zewg **increments** fuq l-**Efficiency Bar** sabiex b'hekk ikolli massimu fil-paga ta' Lm1972 b'effett mill-10 ta' April 1987. Ghaldaqstant jiena kont inghatajt ufficjalment l-promozzjoni ghal applikazzjoni fuq imsemmija."

Spjega li wara l-bidla tal-Gvern fl-1987 l-MMU saret tal-privat u ghalhekk l-haddiema setghu jaghzlu jekk jibqawx mal-Gvern jew jsiru haddiema tal-privat u jibqghu fl-MMU. Ir-rikorrent kien ghazel li jibqa' mal-Gvern u ghalhekk kien mar jahdem il-farm gewwa l-Ghammieri.

Sostna li minkejja li kellu l-appointment sabiex jikkwalifika xorta wahda z-zieda tal-increments li kien intitolat ghaliha ma kienet inghatatlu qatt. Ghalhekk sostna li qatt ma nghata zieda li tirrifletti z-zieda li suppost ha, fit-tieni lok meta hareg bis-somma mal-Gvern ha inqas bhala somma b'rizultat li l-increments tieghu ma gewx onorati, u ukoll affetwah hazin ghal dak li jirrigwarda l-paga tieghu.

Ir-rikorrent in kontro ezami xehed li hu fil-fatt ilmenta dwar flus in segwitu ta` sejha ta` applikazzjonijiet ta` Frar 1987.

Xehed Carmel Aquilina li b'referenza ghaz-zewg dokumenti "A" u "B" li jinsabu a fol 3 u 4 tal-process qal li dokument "A" tal-1987 kienet harget cirkulari 16/87 biex min kien motor transport driver jinghata zewg increments ghax dawk ghalkemm kienu Group C kellhom zewg increments dejjem il-motor transport drivers. Ic-cirkulari kienet tghid li basta jaghmlu x-xoghol ta` heavy plant drivers jew jghaddu minn test. Kienu ghaddew numru ta` nies dik id-darba mit-test imma lil hadd minnhom ma ghamlu, la lilu u anqas lil haddiehor ghax imbaghad sadanittant kienet saret l-elezzjoni, kien hemm xi administration mistakes fis-sens meta baghatu r-rizultat Kastilja ma kinux ghaddewh through the Minister, waqaf kollox hemm u ma ghamlu lil hadd skond dik ic-cirkolari.

Imbaghad it-tieni wahda Dokument "B" tal-5 ta` Marzu, 1991 regghet harget cirkulari fuq l-istess linji, office circular dipartimentali. Sadanittant ir-rikorrent ma kienx ghadu l-Agrikoltura u ma setax japplika u min intghazel skond dik ic-cirkulari hadha mbaghad.

Esebixxa bhala appendix 3 u appendix 6 ir-rizultati ta` kull wahda mill-applikazzjonijiet. Appendix 3 tirreferixxi ghad-dokument "A" a fol 3 tal-process u Appendix 6 tirreferixxi ghal Dokument "B" a fol 4 tal-process.

Carmel Aquilina zied jghid "Ir-rikorrent kien beda jahdem mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fit-28 ta` Jannar 1987 u dam sat-12 ta` Frar tal-istess sena. Imbaghad kien mar jahdem il-Water

Works fl-istess grad li kellu u cioe` bhala motor transport driver. Hu gie lura mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Harget office circular fis-6 ta` Frar 1987 pero` kienu saru l-elezzjonijiet f` Mejju u kien twaqqaf kollox. Harget office circular fil-5 ta` Lulju 1990 u kienet diretta biss ghall-haddiema tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Ir-rikorrent ma kienx jikkwalifika ghal din minhabba li kien qieghed il-Water Works.

Dwar ic-cirkolari tas-6 ta` Frar 1987 inzid nghid li fil-fatt ir-rikorrent kien applika, kien sar interview, kien ghadda r-rikorrent, kienu ghamlulhom trade test, u r-rikorrent kien gie nfurmat li ser jiehu zewg increments. Dawn gew notifikati permezz ta` ittra tal-27 ta` April 1987. Fil-fatt qatt ma hadhom ghar-raguni kif spjegajt fuq li kienet saret l-elezzjoni u kien twaqqaf kollox. Kien thalla kollox ghall-ewwel sine die u mbaghad ma sar xejn. Min ghamel it-trade test bhalu ma hadhiex anqas."

In-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimat qatt ma giet prezentata.

Ikkunsidra li c-Cirkolari harget b'mod validu fis-6 ta' Frar, 1987; ir-rikorrent kien applika, ghamel l-interview, u gie infurmat li ha zewg increments permezz ta' ittra iffirmata mill-Ministru ta' dak iz-zmien. Minhabba li tbiddel il-Gvern twaqqaf kollox u r-rikorrent baqa' minghajr increments.

Fil-fehma tat-Tribunal tirrizulta cara l-ingustizzja ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza

indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha.  Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat fuq il-meritu.

Sfortunatament hadd mill-partijiet ma informa lit-Tribunal dwar il-*quantum* tal-increments u kemm affetwa l-pensjoni.  Ghalhekk it-Tribunal ikollu jaghmel dan *arbitrio boni viri*.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna  rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u tlitt mitt lira [LM1300].

Spejjez kontra l-intimati.